XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 403*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 31*
*Il-Ġimgħa 29 ta' Jannar, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.15pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 402 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Laqgħa Pubblika**

Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

**2. Budget 2010 u Business Plan 2010-2012**

Dawn id-dokumenti kienu tqassmu lill-membri kollha u ġew diskussi wkoll waqt il-laqgħa pubblika. Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-'Budget 2010' u l-'Business Plan 2010-2012' u ġew approvati unanimament.

**3. Financial Statements (April-December 2009)**

Dan id-dokument kien diġa tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u kien sodisfatt li elimina l-iżbilanċ finanzjarju li kien hemm fis-sena preċidenti. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju. Dan ir-rapport għad jistgħu jsirulu aġġustamenti mill-Awditur. Għalhekk fil-laqgħat li jmiss jerġa' jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kusnill il-Financial Statement 2009 kif ikun aġġustat mill-Awditur.

**4. Karnival 2010**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar l-attivitajiet tal-Karnival u l-preparamenti li diġa bdew isiru. Il-Kunsill qabel li kulħadd għandu jgħin mill-aħjar li jista' biex l-attivitajiet kollha jirnexxu.

**5. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-23**

*(F'dan il-ħin daħlet fil-kamra tal-Laqgħat il-Kunsilliera Marthese Portelli)*

**6. Materja oħra**

i. George Debrincat li joqgħod Triq Madonna tal-Ħniena kantuniera ma' Triq tal-Ħorob talab biex tiġi livellata Triq Tal-Ħorob (dik il-parti li tinfed għal Triq il-Madonna tal-Ħniena) peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li peress li għandna sejħa għal kwotazzjonijiet dwar xogħlijiet bħal dawn, ix-xogħol isir meta jingħażel il-kuntrattur wara li jinfetħu l-kwotazzjonijiet.

ii. Emanuel Agius li għandu razzett fl-inħawi magħrufa tas-Salvatur talab biex l-istess triq tiġi livellata peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li peress li għandna sejħa għal kwotazzjonijiet dwar xogħlijiet bħal dawn, ix-xogħol isir meta jingħażel il-kuntrattur wara li jinfetħu l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ssuġġerixxa wkoll li jkellem lil tal-MSD biex jekk huwa possibbli jagħmlu x-xogħol huma u aħna nagħtuhom il-materjal. Il-Kusnill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Kunsillier Mizzi se jieħu ħsieb jikkordina dan ix-xogħol.

iii. MarJohn Hili ta' 28, Triq il-Kbira talab biex teħel lampa ġdida fi sqaq fi Triq il-Kbira peress li l-istess sqaq qed ikun mudlam ħafna. Huwa qal li dan l-aħħar kien hemm każ ta' serq f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li għandha teħel lampa ġdida u għalhekk ser nitolbu l-approvazzjoni tal-Enemalta biex din tkun tista' teħel.

iv. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha aktar kmieni illum mal-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca u Dun George Mercieca. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv. L-Arċipriet ippreżenta lill-Kunsill disinn ta' kif jistgħu jiġu fanali quddiem il-Knisja fi Pjazza San Ġwann Battista. L-Arċipriet qal biex jekk huwa possibbli dawn il-fanali jiġu nklużi meta l-Kunsill jagħmel it-talba tiegħu dwar skema ta' fondi għall-proġett dwar titjieb fil-qalba tal-lokalitajiet. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu nklużi żewġ fanali kbar f'dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Perit biex iħejji pjanta/survey tal-pjazza u wara noħorġu sejħa biex isir disinn artistiku ta' kif tista' tiġi l-pjazza.

v. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħiet għall-kwotazzjonijiet dwar akkomodazzjoni ta' studenti li fis-sajf li ġej ser ikunu qed jagħmlu xogħol ta' skavar f'Għar ix-Xiħ u f'Tal-Loġġa. Perss li dawn ser ikunu f'żewġ perjodi differenti, il-Kunsill qabel li għandna noħorġu żewġ sejħiet separati. Dan il-proġett qed isir flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Sannat u għalhekk l-ispejjeż involuti se jinqasmu bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali.

**7. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. **Skemi ta' fondi Speċjali.** Il-Kunsill irċieva aktar Memo's dwar skemi għall-fondi speċjali. Is-Segretarju qed jibgħat il-Memo's kollha lill-membri tal-Kunsill u b'hekk kulħadd ikun infurmat dwarhom. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw għall-fondi speċjali u b'hekk il-Kunsill ikun jista' iwettaq aktar xogħlijiet għal ġid tar-raħal tagħna.

XEWKIJA

Il-membri kollha huma imħeġġa sabiex jibgħatu l-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv u b'hekk tkun tista' issir l-applikazzjoni. Fost oħrajn il-Kunsill qabel li għandna napplikaw dwar l-iskema għal Restawr ta' Postijiet Storiċi zgħar. Is-Sindku pproponiet biex napplikaw biex tiġi restawrata l-mitħna li hemm fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Mġarr. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk il-Perit Saliba se jintalab jagħmel stima u b'hekk inkunu nistgħu napplikaw għal dawn il-fondi.

ii. George Cutajar mill-Malta Standards Authority informa lill-Kunsill li għad hemm pendenti l-applikazzjoni biex Ġnien ta' Blankas jingħata ċ-ċertifikat ta' ġnien organiku. Huwa qal li jekk il-Kunsill ma jagħtix risposta sal-aħħar ta' Jannar l-applikazjoni kienet se tkun ikkanċellata ħlief il-ħlas li kien mitlub. Il-Kunsill qabel li la darba ċ-ċertifikat ma kienx ħareġ, l-applikazzjoni kif ukoll il-ħlas għandhom ikunu kanċellati.

iii. Residenti li joqgħudu fi Triq Arċ. P.P. Ciantar għamlu petizzjoni dwar il-kiosks tal-ikel li jarmaw fl-istess triq fi żmien il-festa. Huma qed jilmentaw dwar l-inkonvenjent li qed jinħoloq ta' kull sena u qed jitolbu biex il-Kunsill ma jħallix lil dawn il-kiosks jarmaw f'din it-triq. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar din il-problema. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ssuġġerixxa li l-kiosks il-kbar (trakkijiet) jibdew jarmaw fi Triq San Bert (fin-nofs u b'hekk ma jkunu quddiem ta' ħadd u ż-żgħar jibqgħu jarmaw fi Triq Arċ. Ciantar, man-naħa tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li m'għandhiex tittieħed deċiżjoni illum u kulħadd għandu jaħseb x'inhu l-aħjar li jsir u b'hekk fil-laqgħat li jmiss nerġgħu niddiskutu dan is-suġġett u tittieħed deċiżjoni finali.

iv. Mro Colin Attard informa lill-Kunsill dwar il-"Gaulitana: A Festival of Music". Dan il-festival ser isir f'diversi irħula f'Għawdex. Is-sena l-oħra wkoll kien sar fix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandna neġgħu norganizzaw dan il-festival fix-Xewkija. Għalhekk Mro Colin Attard se jkun infurmat dwar din id-deċiżjoni. Is-Sindku se tikkordina biex isir ix-xogħol meħtieġ dwar l-istess attivita.

v. Vincent Azzopardi, Chairman dwar l-iskema Xogħol fil-Komunita tal-ETC, informa lill-Kunsill li l-iskema dalwaqt taghlaq iżda dawk il-Kunsilli li jixtiequ jġeddu għal sitt xhur oħra jistgħu jagħmlu dan billi jiktbu ittra lill-Bord konċernat. Il-Kunsill qabel li għandna nġeddu din l-iskema għal sitt xhur oħra.

vi. Bajada Group infurmaw lill-Kunsill dwar skemi li jistgħu jsiru flimkien dwar proġetti relatati mal-enerġija bħal photovoltaic, solar water heaters eċċ. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru aktar informazzjoni u naraw ukoll kumpaniji oħra xi skemi jistgħu joffru u b'hekk issir l-aktar għażla vantaġġjuża.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar, 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |